# 76. Ix-Xemgħa

Miġbura mill-qalba
fewwieħa tan-nwar,
u fraka ma’ fraka
magħquda fid-djar

Tax-xehda tal-għasel
min-naħal beżlin,
u wara maħlula
minn id l-imgħallmin

Bin-nar, u mibnija
fit-tul madwar ftila,
u fl-aħħar mixgħula
quddiem biċċa tila...

Ix-xemgħa fid-dalma
titlissen tirt’għod,
u waqt illi ddawwal
tinfena bil-mod.

U meta tintefa
dijitha ħanina,
min jibqa’ jiftakar
fix-xemgħa miskina?

U bħalek ja Xemgħa
min jaf kemm infnew
għorrief biex idawlu
u bħalek intsew!